# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizzjoni numru 2906

Kaz.Nru. 3970/JHP

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

S.R.G.N. Company Limited

u

Pinkur Tamang (KI Nru. 231553 A)

*dwar allegat ksur tal-kuntratt ta' mpjieg in linea ma' l-Art.36 (12) tal-Kap.452*

**Chairman: Sur James Pearsall Msc. H.R. Trg & Perf. (Leic.) Dip in Soc. Stud (Labour Studies) UOM**

**Illum : 08.05.2023**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors tas-socjeta S.R.G.N Comapnany Ltd ippreżentat, mill-Avv. Stephanie Abela u l-Avv. Lara Chetcuti, li-Tribunal Industrilaji fl-20 ta' Mejju 2021, fejn isosstni li illi il-konvenut qabad u telaq mill-impieg tieghu habta u sabta u ghaldaqstant it-terminazzjoni ta'l-impieg tal-konvenut qabel gie konkluz it-terminu definit ta' sentejn (2) kif stipulat fil-kuntratt ta' impieg, kienet wahda bla gustifikazzjoni u bla ebda raguni valida fil-Ligi u ghalhekk jisthoqq li-s-socjeta' esponenti tithallas ai termini tal-Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal Ligijiet ta' Malta

Min-naħa ta' Pinkur Tamang li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-intimat, fir-risposta tieghu datata 5 ta' Ottubru 2021, tenna li huwa kellhu ragunijiet validi li jittermina il-kuntratt u ghalhekk qieghd jitlob lit-Tribunal sabiex it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondatoi fil-fdatt u fid-dritt

**(2) Ir-rapprezentanza:**
S.R.G.N Company Ltd li minn issa il quddiem ser tissejjah is-socjeta' rikorrenti u li hija assistita mill-Avv. Stephanie Abela mghejjuna mill-Avv. Lara Chetcuti.

Pinkur Tamang li minn issa ser jissejjah l- intimat qed ikun assistit mill-Avv. Jean Paul Sammut mghejjun mil-Avv. Jean Pierre Busuttil.

**(2) Il-fatti fil qosor:**

Is-socjeta' rikorrenti permezz kemm tar-rikors kif ukoll fix-xhieda taghha quddiem it-Tribunal gie ipprezenatat il-kuntratt tax-xoghol ta' l-intimat li kien jistipula li kellu terminu li jibda mit- 2 ta' Frar 2020

ghal perjodu ta’ sentejn kif riferut f’Artikolu (2) ta’ l-istess kuntratt (Rif Doc SRGN 1).Giet ipprezentata formula t’a terminazzjoni ta’ l-impieg minghand il-Job’s Plus fejn huwa indikat car li l-intimat ittermina l-impieg tieghu fil 24 ta Jannar 2021 (Rif Doc SRGN 2).

**(3) Lista tax-xhiedha:**

Is-Socjeta’ rikorrenti pprezenata lista ta’xhieda li hija anetta mar-rikors ta l-20 ta’ Mejju 2021.
L-Intimat ipprezenat lista ta’ xhiedha li hija anetta mar-risposta tieghu tal 5 ta’Ottubru 2021

**(4) Dokumenti:**

Is-Socjeta’ rikorrenti ipprezenatat dokumenti SRGN 1 u 2; kif ukoll dok MZ1 u 2.
L-intimat ipprezenat dokumenti Doc A;B;Cu D. U affidavit datat 16 ta’ Mejju 2020.

**(5) Gabra tax-xhieda fil qosor:**

**L-Avv:Stephanie Abela** ghas-socjeta’ rikorrenti spjegat li l-intimat irrezenja f’Jannar tat-2021 sew qabel l-issue tal-pandemija,u staqsiet lix-xhud ufficjal tas-socjeta’ sabiex jispjega fir-rigward tal-paga li giet mghotija lill-intimat.
**Malcolm Zarb** ghas-socjeta’ rikorenti bhala Payroll Executive spjega li l-ahhar paga meta wiehed jirrizenja ihallsu b’chekk wara li ikunu hadmu id-dettalji tax-xhiex ghandhom jiehdu jew jitnaqqsilhom mill-paga. Ikkomferma din il-procedura saret ma l-intimat.

**L-intimat Pinkur Tamang** jikkonferma fl-Affidavit tieghu datat 16 ta’ Mejju 2021 jikkonferma li kien irrizenja u li il-paga kien hadha f’Novembru 2021.Kif ukoll qal li il-formola tat-terminazzjoni ma kienetx mghotija lilhu mis-socjeta rikkorent, izda wara kien mar ghalih huwa stess.

**(6) Trattazzjoni finali:**

Huwa stat ta’ fatt li l-intimat irrizenja qabel l-gheluq tat-terminu ta’ l-impieg tieghu u li dan mhux ikkontest.
It-Tribunal filwaqt li innota li intalbu differimenti minhabba li l-intimat ma deherx ghas-seduti imsejjha kif ukoll ma intweriex interess li il-kaz jitkompla minn naha ta’ l-intimat.
Is-socjeta’ rikorrenti fit trattazjoni taghha insisstiet mat-Tribunal li tinghata decizzjoni jekk il-kuntratt kienx imwaqqaf minn naha tal-intimat u dan qieghda taghmlu sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha skond il-ligi.

**(7) Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal Industrijali jikkonferma li dan huwa kaz ta kuntratt definit skond il-ligi u li jirregola ruhu skond l-Artikolu 36 (12) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta’ Malta.
It-Tribunal minn naha tieghu ra li l-intimat jigi mghoti id-dritt ta’ smiegh xieraq u jekk dan ma sarx kien zgur min naha ta l-istess intimat biss.

It-Tribunal ma kellux triq ohra hlief li jimxi fuq ix-xhiedha mghotija sa l-ahhar seduta, u skars minn xi talbiet ohra rilevanti li setghu saru minn naha ta l-intimat kellu jasal ghal-decizzjoni

(8) **Decizzjoni:**

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif ipprezentati miz-zewg partijiet, zamm seba(7) seduti, sema x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha in konsiderazzjoni ta’ l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazjoni finali, li f’dan il-kaz kienu minn naha tas-socjeta’ rikorrenti biss.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien kif stabbilit mill-Ligi minhabba numru ta differimenti mitluba miz-zewg partijiet kif ukoll cirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m’ghandux kontroll fuqhom.

It-Tribunal Industrijali jaqta u jiddeciedi li dan kien kaz ta’ temma ta’ kuntratt ta impieg qabel l-gheluq tat-terminu tieghu ghaldaqstant jordna li l-intimat ghandhu ihallas in-nofs tal perjodu li hu ma hadimx fih meta ir-rizenja kienet ghazla tieghu. Is-somma hija ta’ erba t’elef seba mija u sebghin euro ( €4770.00) .

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
James Pearsall
Chairman